MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 371/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance P. l. c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Andrew Ciangura abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Andrew Ciangura**

**vs**

**Raymond Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u tnejn u

ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,022.55c) rapprezentanti danni kollha sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici Andrew Ciangura u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited salv *excess* ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) imhallsa mill-istess Andrew Ciangura bhala rizultat ta` l-incident li sehh fit-28 ta` Mejju, 1998 ghall-habta tal-11.00p.m gewwa Rayden Garage, Huts 13-14 Industrial Estate, Luqa meta kien hemm hruq fl-istess lok li fih soffriet danni l-vettura proprjeta` ta` l-attur Andrew Ciangura bin-numru ta` registrazzjoni AAD 629.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jiehu konjizzjoni tat-talba ta` l-attur billi s-somma pretiza mis-socjeta` attrici bhala danni gew ikkawzati minn *short circuit* f'*cable* ta` l-Enemalta Corporation illi kien jidhol fid-*distribution box*, illi ghalkemm imwahhal fil-fond tal-konvenut, ma kienx proprjeta` tal-konvenut u wisq anqas accessibbli ghalih. Dawn ic-cirkostanzi jelicitaw investigazzjoni ta` fatti u l-hatra ta` Esperti b'mod li l-kompetenza tat-Tribunal *rationae materiae*, ristretta kif inhi ghat-talbiet ta` hlas hija manifestament esorbitata.

Illi sussidjarjament jigi eccepit illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur, tali responsabbilta` taggrava biss lill-Korporazzjoni Enemalta illi ghandha tigi ghalhekk imsejha fil-kawza. Illi finalment is-socjeta` attrici ghandha tipprova l-quantum tad-danni reklamati b'mod dettaljat u preciz billi l-konvenut kien spontanjament u sabiex itaffi l-problema tal-klijent tieghu ghamel xoghlijiet intensivi ta` tiswija fil-vettura assigurata mis-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda ta` Andrew Ciangura, Alfred Farrugia u ta` Raymond Borg.

Ra l-atti kollha tal-kawza deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili, **Citazz Numru 293/02 "Raymond Borg Vs Enemalta Corporation"** deciza fl-4 t`April, 2006.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta` Dr Tanya Sammut Catania ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut jahdem bhala *panel beater* u kien qed jahdem fuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni AAD 629 proprjeta` ta` Andrew Ciangura. Gara illi fit-28 ta` Mejju, 1998 sehh incident ta` hruq gol-istess garaxx u b'rizultat ta` dan gew ikkawzati hafna hsarat kemm fil-garaxx u kif ukoll fil-vettura ta` l-imsemmi Ciangura u f'zewg karozzi ohra li kienu pparkjati fl-istess garaxx.

Il-kawza odjerna giet intavolata fil-15 ta` Frar, 2002 li permezz taghha s-socjeta` attrici qeghda titlob lill-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-assigurat Ciangura b'rizultat ta` tali incident izda gara illi fit-13 ta` Marzu, 2002 Raymond Borg, il-konvenut odjern, ghamel il-kawza kontra l-Enemalta li permezz taghha talab li l-Enemalta thallsu d-danni kollha minnu sofferti kemm fir-rigward tal-garaxx u kif ukoll fit-tlett vetturi li kienu jinsabu gol-istess garaxx.

Illi ghalhekk permezz ta` digriet tad-9 ta` Lulju, 2002 meta kien hemm prezenti l-avukat ta` Raymond Borg, il-proceduri odjerni gew sospizi b'dan illi jigu appuntati biss wara l-kawza li ghamel Borg kontra l-Enemalta bic-Citazzjoni Numru 293/02 tghaddi b'gudikat. (Dawn l-atti jinsabu allegati mal-kawza odjerna).

Illi effettivament l-imsemmija kawza ghaddiet b’gudikat u ghalhekk il-kawza odjerna giet riappuntata.

Illi f’dik il-kawza l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-Korporazzjoni Enemalta hija unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u llikwidat id-danni kwantu ghal elfejn mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2,195) ghad-danni relatati mal-vetturi komprizi ghaxar liri Maltin (Lm10) ghas-*survey* tal-vetturi u hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) ghall-kopja tal-process verbal u kwantu ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000) rapprezentanti d-danni likwidati mill-Qorti referibbilment ghat-tiswijiet fil-garaxx innifsu.

Il-veru kwistjoni li qamet f’din il-kawza wara li giet riappuntata hija jekk effettivament l-ammonti llikwidati mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili humiex l-istess ammonti li qed jintalbu hlas ghalihom mis-socjeta` attrici.

Il-konvenut Borg xehed illi fil-fatt huwa sewwa l-vettura ta` Ciangura darbtejn. Darba qabel il-hruq u darba wara l-hruq u li ghalhekk, meta huwa thallas minghand l-Enemalta b’rizultat ta` l-imsemmija sentenza, huwa kien qed jithallas ta` tiswija wahda u ma kienx qed jithallas tat-tiswija l-ohra.

It-Tribunal jidhirlu illi l-vertenza odjerna tigi rizolta minn ezami ta` xhieda moghtija mill-istess Raymond Borg fil-kawza deciza mill-Prim` Awla u senjatament meta huwa xehed in kontro-ezami fit-28 ta` Gunju, 2005 liema kontro-ezami jinsab a fol 129 sa 131 tal-process.

Effettivament fir-rigward tal-vettura odjerna huwa jghid:

> “It-tiswijiet li saru fuq il-karozza saru minnhi stess. Dwar il-parts jekk m’inhiex sejjer zball

dawn gew supplied minn Automart Dealer. Ghal dawn il-parts kienu hallsu l-insurance ta` Andrew Ciangura li hija s-socjeta` Fogg Insurance Limited, is-socjeta` intervenjenti. Tax-xoghol stess jiena ma thallasx jigifieri tal-labour."

A fol 83 ta` l-imsemmi process tal-Prim` Awla, l-attur talab kumpens fir-rigward tal-vettura Honda Civic fl-ammont ta` elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,125) u dan kwantu ghal tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) bhala *spare parts* u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bhala *labour* u *spray*.

Il-Prim` Awla accettat din il-likwidazzjoni u fil-fatt fir-rigward tal-vetturi accettat it-talba tieghu fl-intier u konsegwentement huwa ritenut illi huwa rcieva kumpens ta` tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) ghall-i*spare parts*, ghaxar liri Maltin (Lm10) *survey fees* u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) ghal-*labour* u *spray* biex b'hekk, ghar-rigward ta` l-i*spare parts*, li huwa *ex admissis* ikkonferma li dawn kienu thallsu minn Fogg, huwa evidenti li din is-somma ghandha tigi mghoddija lill-istess Fogg li kienet hi li xtrat il-*parts* relattivi.

It-Tribunal m'huwiex konvint mill-affermazzjoni ta` Raymond Borg quddiem dan it-Tribunal meta xehed fis-seduta tas-26 ta` Jannar, 2007 u pprova jghid li fil-fatt it-tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) tal-*parts* ma kienux l-istess *parts* li ghamel referenza ghalihom fil-kawza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili u dan billi jidher car illi fil-Prim` Awla, l-Qorti llikwidat id-danni kemm fuq ix-xhieda minnu prodotta u kif ukoll mis-*surveyor* u xhieda prodotta minn Fogg Insurance li ntervjeniet fl-istess kawza.

Huwa evidenti kemm minn qari tas-sentenza tal-Prim` Awla kif ukoll mill-atti ta` l-istess kawza li l-ammont illikwidat favur Raymond Borg kien jikkomprendi fih it-tmien mija u hamsa u sebghin

lira Maltin (Lm875) imhallsa minn Fogg u l-ghaxar liri Maltin (Lm10) *survey fees* imhallsa minn Fogg ukoll.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici ghandha tigi accettata fir-rigward tas-somma ta` tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) kif ukoll fir-rigward tas-somma ta` ghaxar liri Maltin (Lm10) bhala *survey fees* u cjoe` s-somma totali ta` tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885).

Dan l-ammont huwa anqas mill-ammont mitlub fil-kawza izda d-differenza hija zghira u ghalhekk ma jhossx li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta` tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885) bl-ispejjez kollha tal-kawza. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza."

Appella minn din is-sentenza l-konvenut bl-aggravju limitat ghall-attakk minnu ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-provi li sar mit-Tribunal. Huwa qed jippretendi illi t-Tribunal kien messu accetta l-versjoni tieghu ghax din hi sostenuta mill-provi u korroborata anke mill-attur Andrew Ciangura, assigurat tas-socjeta` attrici;

Ma jista' jezisti ebda dubbju illi l-kwestjoni li kellu quddiemu t-Tribunal kienet essenzjalment wahda li r-rizoluzzjoni taghha iddependiet mill-valur, u l-aktar, mill-kredibilita, li riedet tinghata lix-xhieda prodotta. Bazikament, il-mertu ta' din l-istess kwestjoni kien jirrigwarda l-fatt jekk il-hlas ta' certi *spare parts* tal-vettura sarx mill-atturi jew mill-konvenut. Sitwazzjoni din li ggib 'il quddiem ir-regoli tradizzjonali maghrufa tad-dritt

processwali ghat-tishih u sostenn tal-posizzjonijiet assunti mill-partijiet fil-procediment. Hekk l-atturi kellhom jissufragaw l-allegazzjoni ta' fatt dedott minnhom ghab-bazi tad-domanda fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit*, mentri l-konvenut minn naha tieghu kellu jsostni l-fatt migjub b' fondament tad-difiza tieghu biex jikkontesta l-pretensjoni ta' l-atturi. Kif insenjat, "proprju ghax *reus in excipiendo fit actor* il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offerta, ghandha tigi pruvata minnu" ("**Francesca Mallia -vs- Salvatore Guillaumier**", Appell, 12 ta' Jannar 1962;

Dan premess, hu principju rikonoxxut mid-duttrina procedurali illi l-apprezzament tar-rizultanzi tal-provi testimonjali u l-gudizzju fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` ta' xhud invece ta' ohrajn, jinvolvi apprezzament ta' fatt rizervat lil-gudikant adit mill-mertu, basta, s' intendi, li jforni r-raguni dwar l-idonjeta` tal-provi u dak tal-konvinciment tieghu;

Fil-kaz prezenti, fuq ir-ricerka formattiva tieghu, it-Tribunal sab li l-prova testimonjali tal-konvenut appellant kienet nieqsa minn dik is-sustanza necessarja u sufficjenti ghall-formazzjoni tal-konvinciment u tac-certezza morali tal-verita tal-fatti, kif insenjat mil-Qrati taghna f' bosta decizjonijiet. Ara, b' ezempju, **Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**. Huwa mhux biss ma emminx l-ispjegazzjoni ta' l-appellanti illi l-hlas ta' l-i*spare parts* kien erogat minn butu talli sab li dak ritenut minnu fl-Affidavit (fol. 104) kien inkonsistenti jew mhux ghal kollox preciz mad-dikjarazzjonijiet precedenti tieghu fil-proceduri inizzjati minnu fil-Prim' Awla di fronte ghal Enemalta Corporation (Citazz. Nru. 293/2002 TM), definita minn dik il-Qorti fl-4 ta' April 2006;

Il-Qorti ezaminat l-atti taz-zewg kawzi u bhat-Tribunal qabilha hi tal-fehma li t-test tal-verosimiljanza ma jistax jiffavorixxi t-tezi ta' l-appellanti. Fir-rigward qed taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Jirrizulta mill-atti tal-kawza l-ohra illi s-somma reklamata fi *spare parts* mill-appellanti, *qua* attur f' dik il-kawza, kienet approssimattivament u b' kumbinazzjoni l-istess ghal dik kontenuta fis-*survey report* ta' Alfred Farrugia (fol. 18) konsegwenti ghall-incendju skoppjat fil-*garage* ta' l-attur;

(2) Ma jistax jonqos li jigi notat illi f' dik il-kawza l-ohra, a kuntrarju ta' dik prezenti, u proprju *in extremis*, l-appellanti ma pprovdiex *breakdown* ta' l-i*spares* li allegatament jghid li xtara. Fil-kuntest hi pwerili ghal kollox l-ispjegazzjoni tieghu illi dan ma ghamlux qabel ghax ma giex mistoqsi specifikament. Anke dan ghal din il-Qorti jhalli toghma ta' inveridicita`. Ikollu jinghad, imbaghad, illi, fil-verita, il-Qorti f' dik il-kawza kellha wkoll quddiemha l-kopja tas-*survey report* surrerferit, lilhaipprezentat minn Dr. Romina Frendo, *qua* rapprezentanti tas-socjeta` assiguratrici attrici, u allura wkoll il-prova illi l-hlas kien effettwat minn din is-socjeta`;

(3) L-appellanti li jghid li xtara personalment l-i*spare parts* 'sekonda man' minn *scrapyard* hdejn il-Vibes u minghand certu Harbat minn B' Bugia ma pproduca ebda ricevuti ghal konferma tal-hlas. Huwa jghid li ma kienx in grad jipproducihom ghax dawn il-fornituri ma tawhx ricevuti. Jekk dan hu verament minnu, l-anqas li seta' jaghmel kien li jsejjah lil dawn l-istess fornituri biex jixhdu u b' hekk jipprovdulu prova korroborattiva. Dan ghaliex, kif saput, il-prova tax-xiri u tal-hlas setghet issir b' kull mezz probatorju basta ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal. Jekk hu naqas li jaghmel tali prova, fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuti, jkollha tipprevali l-presunzjoni li dak ix-xiri u dak il-hlas ma sarx;

(4) Anke minn dawn il-ftit konsiderazzjonijiet il-Qorti ma ssibx li l-ispjegazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet ta' l-appellanti jistghu jitqiesu fededenji. Pjuttost, il-konvinzjoni taghha twassalha biex ma taccettax it-talba li saritilha ghar-revoka tas-sentenza, anke ghaliex din, fil-hsieb tal-Qorti, ma tikkontjeni ebda vizzju fil-motivazzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------